ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 215

Edizzjoni bil-Malti

Volum 54
21 ta' Lulju 2011

## Informazzjoni u Avviżi

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kunsill**


| | | |
|---|---|---|
| 2011/C 215/01 | Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità aġġornat tal-Irlanda, 2011-2015 | 1 |
| 2011/C 215/02 | Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità aġġornat tal-Italja, 2011-2014 . . . | 4 |
| 2011/C 215/03 | Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Latvja, 2011-2014 | 8 |
| 2011/C 215/04 | Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 ta' Malta u li tagħti Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm tal-Istabbiltà aġġornat ta' Malta 2011-2014 | 10 |


MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

OPINJONIJIET

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2011/C 215/05 Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni ..... 13

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 215/06 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) ..... 19

2011/C 215/07 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (2) ..... 21

2011/C 215/08 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6274 – Bridgepoint/Eurazeo/Foncia Groupe) (2) ..... 25

2011/C 215/09 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6265 – CSN/AG Cementos Balboa/Corrugados Azpeitia/Corrugados Lasao/Stahlwerk Thüringen) (2) ..... 25

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 215/10 Rata tal-kambju tal-euro ..... 26

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat
(2) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-12 ta' Lulju 2011**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Irlanda u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità aġġornat tal-Irlanda, 2011-2015**

(2011/C 215/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri ([2]), li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi nazzjonali tagħhom.

(3) Fis-7 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE ([3]) dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda għal perjodu ta' tliet snin skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u r-Regolament (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ([4]) Il-Memorandum ta' Qbil li jakkumpanjaha, iffirmat fis-16 ta' Diċembru 2010, u l-ewwel aġġornament tiegħu, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika li fuqhom huwa bbażat l-għoti tal-għajnuna finanzjarja. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/326/UE ([5]) L-ewwel aġġornament tal-Memorandum ta' Qbil kien iffirmat fit-18 ta' Mejju 2011.

(4) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Miżmuma għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

([3]) ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

([4]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

([5]) ĠU L 147, 2.6.2011, p. 17.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Hu saħaq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibilità fiskali, lit-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(6) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex ikunu inklużi fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(7) Fid-29 ta' April 2011, l-Irlanda ressqet l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' Stabilità tagħha li jkopri l-perjodu bejn l-2011 u l-2015 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2011. Sabiex jitqiesu l-konnotazzjonijiet bejniethom, dawn il-programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(8) Il-kriżi ġabet magħha korrezzjoni maġġuri tal-iżbilanċi kbar li kienu nbnew matul is-snin preċedenti ta' tkabbir qawwi ekonomiku. Bejn l-2007 u l-2010, il-PDG reali niżel bi 12 % u l-impjiegi bi kważi 13 %, bil-qgħad jiżdied minn 4,6 % fl-2007 għal 13,6 % fl-2010. Dan wassal ukoll għal deterjorament drastiku fil-finanzi pubbliċi, bil-proporzjon tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jilħaq livelli ta' ċifri b'żewġ figuri fl-2008 u l-2009. Fl-2010, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika laħaq it-32,4 % tal-PDG, inkluż il-miżuri ta' appoġġ għas-settur finanzjarju ta' 20,5 % tal-PDG. Il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG żdied minn 25 % fl-2007 għal 96 % fl-2010.

(9) L-implimentazzjoni tal-programm ta' għajnuna finanzjarja UE-FMI qed isseħħ kif pjanat. Il-miżuri fiskali li sar qbil dwarhom ġew implimentati, fl-2010 intlaħqet il-mira fiskali u l-eżiti fiskali fl-ewwel kwart tal-2011 ukoll kien jaqblu mal-miri tal-programm ta' assistenza. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għall-2011 huwa mbassar li se jibqa' taħt il-livell massimu tal-programm ta' assistenza, minkejja reviżjoni 'l isfel fit-tbassir li jikkonċerna l-PDG nominali fl-2011. Seħħ progress importanti billi saret ir-riforma tas-sistema bankarja u ttieħdu passi biex jintlaħqu l-objettivi tar-riforma strutturali.

(10) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabilità aġġornat skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabilità huwa plawsibbli. L-istrateġija baġitarja tal-Programm ta' Stabilità fuq terminu medju għandha twassal id-defiċit nominali tal-amministrazzjoni pubblika sabiex ikun inqas minn 3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG sad-data ta' skadenza prevista fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2010. Il-Programm ta' Stabilità jimmira d-defiċits ta' 10 % tal-PDG fl-2011, 8,6 % fl-2012, 7,2 % fl-2013, 4,7 % fl-2014 u 2,8 % sal-aħħar tal-perjodu tal-Programm ta' Stabilità fl-2015. Dan il-perkors huwa msejjes fuq miżuri ta' konsolidazzjoni ta' 3,8 % tal-PDG implimentati fil-baġit għall-2011, u miżuri ta' konsolidazzjoni ġenerali ta' 5,9 % tal-PDG fl-2012-14 kif ukoll sforz ta' konsolidazzjoni ieħor li mhuwiex speċifikat ta' aktar minn 1 % tal-PDG fl-2015. Il-Programm ta' Stabilità jerġa' jiddikjara l-objettiv ta' terminu medju (OTM) għall-pożizzjoni baġitarja ta' – 0,5 % tal-PDG, li ma jintlaħaqx fil-perjodu tal-Programm ta' StabilitàSkont l-aħħar valutazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riskji fir-rigward tas-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi jidhru li huma għoljin. Huma meħtieġa l-ilħuq ta' surplus primarju suffiċjenti fuq terminu medju flimkien ma' aktar riforma fis-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Irlanda biex ikun hemm titjib fis-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi.

(11) L-Irlanda ħadet numru ta' impenji skont il-Patt Euro Plus, li ġew sottomessi fit-3 ta' Mejju 2011. Dawn jinkludu miżuri konkreti li jheġġu l-kompetittività inkluż ir-riforma ta' mekkaniżmi tal-iffissar ta' pagi, il-ftuħ ta' ċerta servizzi professjonali għall-kompetizzjoni, it-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-tisħiħ tal-istabilità finanzjarja, b'mod partikolari mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet, u t-titjib tas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi permezz ta' qafas baġitarju għal terminu medju, ir-riforma tal-pensjonijiet u ż-żieda tal-età tal-pensjoni.

(12) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Stabblità u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, inkluż l-impenji tal-Patt Euro Plus. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fl-Irlanda imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tenfasizza l-urġenza biex ikunu implimentati l-miżuri ppjanati għall-konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE.

(13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, meta titqies ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE tas-7 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' Stabilità tal-Irlanda u l-opinjoni 6 tiegħu [1]. Wara li ġew ikkunsidrati l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Irlanda,

[1] Previst fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda:

Timplimenta l-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2011/326/UE, u speċifikata aktar fil-Memorandum ta' Qbil tas-16 ta' Diċembru 2010 u l-aġġornament tiegħu tat-18 ta' Mejju 2011.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2011

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Italja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità aġġornat tal-Italja, 2011-2014

(2011/C 215/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([2]), li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali.

(3) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex-ante ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Hu saħaq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibilità fiskali, lit-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programm ta' Stabilità jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(6) Fis-6 ta' Mejju 2011, l-Italja ressqet il-Programm ta' Stabilità 2011 tagħha aġġornat li jkopri l-perjodu 2011-2014 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnotazzjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(7) L-ekonomija Taljana kienet affettwata bi dgħufijiet strutturali ħafna qabel il-kriżi ekonomika u finanzjarja globali attwali. Bejn l-2001 u l-2007, it-tkabbir reali medju tal-PDG kien madwar 1 %, jiġifieri biss nofs il-mejda taż-żona tal-euro, primarjament minħabba t-tkabbir kważi staġnat fil-produttività. Billi dawn l-iżviluppi affettwaw il-pajjiż kollu, l-ispariġġi reġjonali ekonomiċi kbar ma ttaffewx. Għalkemm l-ekonomija ma kellhiex żbilanċi interni kbar fis-settur privat, ġiet milquta ħażin ħafna mill-kriżi globali. Il-kollass tal-esportazzjonijiet, u mbagħad tal-investiment, ipproduċa tnaqqis kbir ta' madwar 7 % fil-PDG reali bejn it-tieni trimestru tal-2008 u t-tieni trimestru tal-2009. Wara li naqas progressivament tul l-aħħar deċenju, id-dejn gross tal-gvern żdied għal 119 % sa tmiem l-2010, li rrispekkja ruħu fit-tnaqqis qawwi fil-PDG. L-impjiegi naqsu ħafna inqas billi kienu appoġġati minn skema sponsorjata mill-gvern biex jitnaqqsu s-sigħat maħduma, u għalhekk ir-rata tal-qgħad żdiedet biss moderatament bejn l-2008-2009. Immexxija mill-esportazzjonijiet, l-ekonomija bdiet tirkupra fit-tieni nofs tal-2009, għalkemm b'rata baxxa. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol baqgħet fraġli fl-2010, u r-rata tal-qgħad stabilizzat għal madwar 8,5 % sa tmiem is-sena. Minħabba l-proporzjon għoli ħafna tad-dejn pubbliku, l-Italja żammet pożizzjoni fiskali prudenti kif xieraq, mingħajr ma tidħol għal stimolu fiskali kbir, u għalhekk, id-defiċit pubbliku baqa' taħt il-medja taż-żona tal-euro fl-2009-2010.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Miżmuma għall-2011, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

(8) Abbażi tal-valutazzjoni tal-programm ta' stabilità aġġornat skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-programm huwa plawsibbli. Il-programm jippjana li jġib id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG sal-2012, abbażi ta' iktar trażżin tan-nefqa u dħul addizzjonali miż-żieda fil-konformità tat-tassazzjoni. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-programm jippjana li jilħaq l-objettiv ta' terminu medju (OTM) ta' pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali sa tmiem il-perjodu tal-programm (l-2014), u dan bl-appoġġ ta' impenn għal iktar trażżin tal-nefqa primarja. Il-programm jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn pubbliku se jilħaq quċċata fl-2011 u mbagħad jonqos b'rata dejjem iktar mgħaġġla hekk kif is-surplus primarju jikber. L-isforz fiskali annwali medju ppjanat fil-perjodu 2010-2012 huwa ogħla miż-0,5 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill skont il-PDE u l-pass previst tal-aġġustament wara l-2012 huwa ogħla sew mid-dispożizzjonijiet fil-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. L-ilħiq tal-eżiti ta' defiċit u dejn imsemmija hawn fuq jeħtieġu implimentazzjoni baġitarja stretta, filwaqt li jeħtieġ aktar informazzjoni dwar il-miżuri ta' konsolidazzjoni pjanati għall-2013 u l-2014 biex tiżdied il-kredibilità tal-programm.

(9) Minħabba d-dejn għoli ħafna tal-gvern, li qiegħed madwar 120 % tal-PDG fl-2011, l-insegwiment ta' konsolidazzjoni sostenibbli u kredibbli u l-adozzjoni ta' miżuri strutturali biex jittejjeb it-tkabbir huma prijorità ewlenin għall-Italja. Skont l-aħħar valutazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riskji fir-rigward tas-sostenibilità fit-tul tal-finanzji pubbliċi jidhru medji. Għall-perjodu sal-2012, il-ksib tal-miri għad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika stabiliti fil-programm ta' stabilità, u għalhekk, il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2012, iserraħ fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri adottati diġà. Ser tkun meħtieġa aktar azzjoni jekk pereżempju, id-dħul mill-konformità tat-tassazzjoni mtejba jkun inqas milli bbaġitjat jew jekk ikun hemm diffikultajiet fit-trażżin ippjanat fin-nefqa kapitali. Għall-2013-2014, il-qafas baġitarju ta' tliet snin ġdid jippreskrivi li l-miżuri konkreti sottostanti għall-isforz ta' konsolidazzjoni jiġu adottati sa Ottubru 2011. Għalkemm dan il-qafas baġitarju issaħħaħ konsiderevolment fis-snin riċenti, l-introduzzjoni tal-limiti massimi inforzabbli tan-nefqa u titjibiet oħra fil-monitoraġġ baġitarju fis-sottosetturi kollha tal-gvern maħsuba biex ikattru d-dixxiplina fiskali u jsaħħu l-kredibilità tal-istrateġija baġitarja ta' terminu medju.

(10) Minkejja l-ħolqien tal-impjiegi b'saħħtu fis-snin ta' qabel il-kriżi, is-suq tax-xogħol tal-Italja jidher li fih xi dgħufijiet strutturali. Il-ħaddiema fuq kuntratti permanenti jgawdu minn iktar ħarsien milli l-ħaddiema b'kuntratti atipiċi. Għal dawk tal-ewwel is-sensji huma soġġetti għal regoli stretti u proċeduri ingombranti. Għal dawn tal-aħħar, għandha tingħata attenzjoni għad-dinamiċi tas-self-employment li jistgħu jaħbu relazzjonijiet ta' xogħol subordinati. Minkejja miżuri *ad hoc* ġodda meħuda waqt il-kriżi sabiex jiġi estiż is-sostenn lid-dħul u protezzjoni kontra l-qgħad, is-sistema kurrenti ta' benefiċċji tal-qgħad għadha frammentata. Il-livell ta' qgħad fost ħaddiema taħt il-25 sena laħaq 27,8 % fl-2010, u hemm distribuzzjoni mhux uniformi fil-pajjiż, u l-qgħad fost iż-żgħażagħ fir-reġjuni tan-Nofsinhar huwa d-doppju ta' dak fir-reġjuni tat-Tramuntana. Ir-rwol tal-apprendistati u tat-taħriġ vokazzjonali għandu jiġi msaħħaħ aktar. Għalkemm utli ħafna u neċessarja, għad ma hemmx sistema unika ta' ċertifikazzjoni tal-ħiliet u rikonoxximent tal-istandards vokazzjonali u tat-taħriġ li hija rikonoxxuta fil-pajjiż kollu, iżda multiplikazzjoni tar-reġimi reġjonali, li b'hekk ma jiffaċilitax il-mobbiltà tal-ħaddiema u l-opportunitajiet tax-xogħol madwar l-Italja. Hemm lok għat-titjib tal-effikaċja tas-servizzi tal-impjiegi, speċjalment fir-reġjuni b'livelli għolja tal-qgħad. Fl-aħħar nett ix-xogħol mhux dikjarat jibqa' fenomenu serju fl-Italja.

(11) L-allinjament tal-iżviluppi fil-pagi mat-tkabbir fil-produttività huwa importanti meta wieħed iqis it-telf kostanti tal-Italja fil-kompetittività mill-aħħar tad-disgħinijiet (1990) 'l hawn; dwar dan, in-negozjar fil-livell tal-kumpaniji jista' jkollu rwol sinifikanti, li jista' jgħin ukoll biex jindirizza l-ispariġġ reġjonali fis-suq tax-xogħol. Ir-riforma tal-2009 tal-qafas tan-negozjar introduċiet, fost oħrajn, il-possibilità ta' klawżoli tal-ftuħ (jiġifieri derogi mill-pagi settorjali maqbula fil-livell nazzjonali), iżda dawn ma tantx għadhom jintużaw, sa issa.

(12) Ir-rata tal-impjiegi tan-nisa għadha inqas minn dik tal-irġiel b'iktar minn 20 punt perċentwali fit-territorju kollu, medjament, f'differenzi sinifikanti bejn ir-reġjuni. Fl-2009 bil-kemm kien impjegat terz tan-nisa bejn l-20 u l-64 sena fir-reġuni tan-Nofsinhar, minħabba r-rati ta' attività relattivament iktar baxxi imma wkoll minħabba livelli ogħla tal-qgħad. It-tassazzjoni relattivament għolja tax-xogħol fl-Italja tnaqqas l-inċentivi għall-provvista ta' ħaddiema, speċjalment għal dawk li jaqalgħu il-paga sekondarja fid-dar, u taffettwa negattivament id-domanda għall-ħaddiema mill-kumpaniji. Biex tingħata spinta lin-nisa fl-impjiegi, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jirreferi għall-pjan adottat fl-2010 li jikkoordina l-isforzi fost is-saffi differenti tal-gvern biex jippromwovi r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja. Dan l-aħħar il-gvern introduċa inċentiv ta' taxxa għall-kumpaniji biex iħaddmu ħaddiema żvantaġġati, inkluż dawk li jaħdmu f'settur jew impjieg fejn l-iżbilanċ bejn is-sessi huwa partikolarment jispikka, f'reġuni b'livelli għolja ta' qgħad. Il-Programm ħabbar ukoll riforma tas-sistema ta' tassazzjoni bil-ħsieb li l-piż tat-taxxi gradwalment jiġi ttrasferit mix-xogħol għall-konsum, u dan jista' jgħin biex iżid l-impjiegi.

(13) Meta mqabbbel mal-istandards tal-UE, il-kost tan-negozju fl-Italja huwa għoli, partikolarment fir-reġjuni tan-Nofsinhar, minkejja l-miżuri reċenti biex jitjieb l-ambjent tan-negojzu u titjieb l-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni u r-responsabilità tal-amministrazzjoni pubblika. Għad hemm lok kbir fejn jitneħħew l-ostakoli regolatorji u amministrattivi fis-swieq tal-prodotti u tas-servizzi, partikolarment fis-servizzi professjonali. Fl-2009 ġiet introdotta Liġi Annwali dwar il-Kompetizzjoni bħala għodda leġiżlattiva biex ittejjeb l-ambjent kompetittiv u l-ħarsien tal-konsumaturi, iżda għadha ma ġietx adottata. Il-proċeduri twal tal-infurzar tal-kuntratti huma dgħufija oħra fl-ambjent tan-negozju tal-Italja. Il-mezzi għall-finanzjament mhux bankarji tat-tkabbir ta' ditti għadhom relattivament skarsi fl-Italja, speċjalment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Partikolarment, il-finanzjament ta' ekwità l-kapital ta' riskju għad għandhom rwol limitat minkejja l-potenzjal tagħhom għall-promozzjoni tat-tkabbir tad-daqs tal-kumpaniji, estensjoni għal swieq globali ġodda u governanza korporattiva mtejba.

(14) In-nefa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) żdiedet biss b'rata modesta f'dawn l-aħħar għaxar snin. Konsegwentement, l-intensità tar-R&Ż għadha baxxa, madwar 1,27 % tal-PDG, u taħt sew il-medja tal-UE (1,90 %). Din id-diskrepanza hija prinċipalment dovuta għal livell baxx ta' riċerka industrijali, minħabba li l-intensità tar-R&Ż kummerċjali hija 0,64 % tal-PDG meta mqabbla mal-medja tal-UE-27 ta' 1,23 %. L-intensità tal-kapital ta' riskju għadha baxxa ħafna wkoll. Għadd ta' miżuri, inkluż vantaġġi ta' taxxa għall-kumpaniji li jinvestu fi proġetti ta' riċerka mwettqa mill-universitajiet jew minn entitajiet tas-settur pubbliku, tħabbru fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Il-mira ta' 1,53 % tal-PDG stipulata għall-intensità tar-R&Ż toħroġ minn projezzjoni tar-rata ta' tkabbir medja annwali fil-perijodu 2006-2008 u tieħu kont tal-vinkoli tal-istabiltà finanzjarja tal-pajjiż. Hija ser tkun soġġetta għal reviżjoni fl-2014.

(15) L-Italja hija t-tielet l-akbar benefiċjarju tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, u se tirċievi madwar 8 % tal-baġit totali tal-politika tal-koeżjoni tal-UE fil-perjodu 2007-2013. Issa li qegħdin f'nofs il-perjodu ta' programmazzjoni, is-sehem ta' fondi tal-UE li ġie realment mobilizzat huwa ta' 16,8 % u dan huwa ħafna anqas fir-reġjuni ta' Konverġenza tan-Nofsinhar.

(16) L-Italja ħadet għadd ta' impenji taħt il-Patt Euro Plus. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jsemmi xi miżuri adottati dan l-aħħar u jiddeskrivi fil-qosor xi pjanijiet futuri għar-riformi li jindirizzaw is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi u l-istabilità finanzjarja, ikattru l-kompetittività u jżidu l-impjiegi, f'konformità mal-prinċipji tal-Patt Euro Plus. Impenn ewlieni ġdid meħud speċifikament b'rispons għall-Patt hija l-intenzjoni tal-gvern li jemenda l-Kostituzzjoni sabiex isaħħaħ id-dixxiplina baġitarja. Dawn l-elementi ġew evalwati u tqiesu fir-rakkomandazzjonijiet.

(17) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Stabilità u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, inkluż l-impenji tal-Patt Euro Plus tal-Italja. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fl-Italja imma wkoll lejn il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Minħabba dan, il-Kummissjoni tqis li l-pjan ta' konsolidazzjoni tal-Italja għall-2011-2014 huwa kredibbli sal-2012 filwaqt li għandu jkun appoġġat b'miżuri konkreti għall-2013-2014, sabiex id-dejn għoli ħafna tal-gvern jibda jitnaqqas gradwalment. Il-Pjan Nazzjonali ta' Riforma jiddeskrivi ġabra komprensiva ta' inizjattivi fid-dimensjonijiet kollha tal-istrateġija Ewropa 2020, iżda huwa meqjus li jeħtieġ iktar miżuri biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet strutturali li ilhom hemm u li ġew iggravati mill-kriżi. Biex il-potenzjal għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Italja jitkabbar, u jiġi promoss l-irkupru tar-reġjuni tan-Nofsinhar, għandhom jittieħdu passi oħra fl-2011-2012 biex il-funzjonament tas-suq tax-xogħol jittejjeb, is-swieq tas-servizzi u l-prodotti jinfetħu għal iktar kompetizzjoni, l-ambjent tan-negozju jittejjeb, il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni tissaħħaħ u jiġi promoss l-użu iktar rapidu u aħjar tal-fond ta' koeżjoni tal-UE.

(18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, meta titqies ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' stabilità tal-Italja u l-opinjoni tiegħu [1] qed tiġi riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjoni 1 hawn taħt. B'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja,

JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieħu azzjoni fil-perjodu 2011-2012 sabiex:

1. Timplimenta l-konsolidazzjoni fiskali ppjanata fl-2011 u l-2012 biex tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill taħt il-PDE, u b'hekk iġġib il-proporzjon għoli ta' dejn pubbliku fi triq l-isfel. Tibni fuq il-leġiżlazzjoni approvata reċentement, tesplojta bis-sħiħ kull żviluppi ekonomiċi jew baġitarji aħjar milli mistennija għal tnaqqis iktar mgħaġġel tad-defiċit u d-dejn u tkun lesta li żżomm strettament mal-implimentazzjoni

[1] Prevista fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

baġitarja. Tappoġġa l-miri għall-2013-2014 u l-kisba mis-tennija tal-objettiv ta' terminu medju sal-2014 b'miżuri konkreti sa Ottubru 2011 kif dispost fil-qafas baġitarju multiannwali l-ġdid. Issaħħaħ aktar il-qafas billi tintroduċi limiti massimi inforzabbli għan-nefqa u ttejjeb il-monitoraġġ li jkopri s-sottosetturi kollha tal-gvern.

2. Tirrinforza l-miżuri biex tiġġieled is-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol, ukoll billi tirrieżamina aspetti magħżula tal-leġiż-lazzjoni dwar il-protezzjoni okkupazzjonali inkluż ir-regoli u l-proċeduri tal-issensjar u tirrevedis-sistema frammentata attwali tal-benefiċċji okkupazzjonali waqt li tieħu kont tal-vinkoli baġitarji. Iżżid l-isfrozi fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux dikjarat. Barra minn hekk, tieħu passi biex tippromwovi parteċipazzjoni ikbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, billi żżid id-disponibilità ta' servizzi tal-indukrar fil-pajjiż kollu u tipprovdi inċentivi finanzjarji għat-tieni salarju tal-unità domestika, b'ebda implikazzjoni baġitarja.

3. Tieħu aktar passi, abbażi tal-ftehim tal-2009 biex tirriforma l-qafas tan-negozjati u b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali skont il-prattiki nazzjonali, biex tiżgura li t-tkabbir fil-pagi jirrispekkja aħjar l-iżviluppi fil-produttività kif ukoll il-kundizzjonijiet lokali u tad-ditti, inklużi klawsoli li jkunu jistgħu jippermettu li n-negozjar fil-livell tad-ditti jipproċedi f'din id-direzzjoni.

4. Testendi l-proċess ta' ftuħ tas-settur tas-servizzi għal iktar kompetizzjoni, inkluż fil-qasam tas-servizzi professjonali. Fl-2011 tadotta l-Liġi Annwali dwar il-Kompetizzjoni, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Awtorità tal-Anti-trust. Tnaqqas it-tul tal-proċeduri tal-infurzar tal-liġi tal-kuntratti. Tirrinforza aktar l-azzjonjiet sabiex biex tippromwovi l-aċċess tal-SMEs għas-swieq kapitali billi jitneħħew l-ostakli regolatojru u jitnaqqsu l-kostijiet.

5. Jittejjeb il-qafas għall-investiment mis-settur privat fir-riċerka u l-innovazzjoni billi jiġu estiżi l-inċentivi fiskali kurrenti, jittejbu l-kundizzjonijiet għall-kapital ta' riskju u jiġu sostnuti skemi tal-akkwist innovattivi.

6. Tieħu passi biex taċċellera b'mod kost-effettiv, in-nefqa li ttejjeb t-tkabbir ikkofinanzjat mill-fondi tal-politika ta' koeż-joni sabiex jitnaqqsu l-ispariġġi persistenti bejn ir-reġjuni, billi tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u l-governanza poli-tika. Tirrispetta l-impenji meħuda fil-Qafas Strateġiku ta' Referenza nazzjonali f'termini tal-ammont ta' riżorsi u l-kwalità tan-nefqa.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2011

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Latvja, 2011-2014

(2011/C 215/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Jannar 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/290/KE ([2]) biex jagħmel disponibbli assistenza finanzjarja lil-Latvja fuq terminu medju għal perijodu ta' tliet snin skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 143 tat-Trattat. Il-Memorandum ta' Qbil ta' akkumpanjament iffirmat fit-28 ta' Jannar 2009 u s-supplimenti suċċessivi tiegħu jistipulaw il-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika li fuqhom tiġi żbursata l-assistenza finanzjarja. Id-Deċiżjoni 2009/290/KE ġiet emendata fit-13 ta' Lulju 2009 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/592/KE ([3]). L-aħħar suppliment tal-Memorandum ta' Qbil ġie ffirmat f'Ġunju 2011.

(2) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa ta' linji ta' politika ekonomika, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(3) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji ta' politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar Linji Gwida għal-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([4]), li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(4) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika *ex ante* u integrata, imsejsa fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Huwa saħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibbiltà fiskali, it-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(6) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Il-Programm Latvjan ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma jinkludu referenza għall-Patt Euro Plus. F'ittra mibgħuta lill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Mejju 2011 saret enfażi fuq impenji u azzjonijiet speċifiċi għall-2011 inklużi fil-programmi li huma konsistenti mal-objettivi tal-Patt Euro Plus.

(7) Fid-29 ta' April 2011, il-Latvja ressqet l-aġġornament tagħha tal-Programm ta' Konverġenza 2011 li jkopri l-perijodu 2011-2014 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39.
([3]) ĠU L 202, 4.8.2009, p. 52.
([4]) Miżmuma għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

(8) L-ekonomija Latvjana kibret b'rata ogħla minn dik ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor mill-2000 sal-2007, li jirrifletti prospetti ta' konverġenza, influssi finanzjarji barranin, u domanda ta' konsum verament għolja. Madankollu, għall-inqas parzjalment bħala riżultat ta' politika makroekonomika espansjonarja, l-ekonomija sovrażbilanċjat. Akkumulaw żbilanċi mdaqqsa, li rriżulta f'deficit ta' 22,3 % tal-PDG fil-kont kurrenti fl-2007 u ta' 13,1 % fl-2008; konsegwentement, matul il-perijodu 2008-2009, l-ekonomija għaddiet mill-akbar tnaqqis fl-UE. Matul dan il-perijodu, il-PDG reali ċkien b'25 % mill-quċċata sal-qiegħ, billi kollass enormi fid-domanda domestika ġie amplifikat bir-riċessjoni fil-kummerċ dinji. Ir-rata tal-impjiegi fil-Latvja, li qabel kienet fost l-ogħla fl-UE (75,8 % fl-2008), waqgħet b'iktar minn 10 punti perċentwali, u r-rata tal-qgħad ta' aktar minn 18 % hija bħalissa waħda mill-ogħla fl-UE. Id-deficit ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika kien 9,7 % fl-2009, iżda b'riżultat tal-miżuri fiskali ta' konsolidazzjoni, naqas għal 7,7 % fl-2010. Dan l-eżitu jinkludi miżuri konsiderevoli ta' stabilitzzazzjoni fis-settur finanzjarju li kienu jammontaw għal 1,1 % tal-PDG fl-2009 u għal 2,3 % tal-PDG fl-2010.

(9) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza aġġornat skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għal-projettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza huwa plawsibbli għalkemm il-projettazzjoni tal-inflazzjoni tista' tkun baxxa għall-2011. L-istrateġija baġitarja fuq terminu medju tal-Programm ta' Konverġenza hija dik li jitnaqqas id-deficit tal-amministrazzjoni pubblika għal inqas mill-valur referenzjarju ta' 3 %, sal-iskadenza prevista fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009. Meta jitqiesu l-miżuri implimentati minn meta ġiet ippubblikata r-rakkomandazzjoni għal korrezzjoni tas-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv u l-konsolidazzjoni addizzjonali implikati fil-Programm ta' Konverġenza aġġornat, l-isforz fiskali ppjanat għall-2011 u l-2012 huwa skont l-aġġustament meħtieġ. Fid-dawl tal-punt tat-tluq, il-Programm ta' Konverġenza ma jipprevedix il-kisba tal-objettiv ta' terminu medju (OTM) sa tmiem-il perijodu tal-programm, filwaqt li l-isforz fiskali pjanat biex jintlaħaq l-OTM wara l-korrezzjoni tas-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv jista' jiġi aċċellerat speċjalment fl-2013. Il-perkors ta' konsolidazzjoni fiskali prevista fil-Programm ta' Konverġenza huwa bbażat l-aktar fuq in-nefqa. Il-miri baġitarji huma suġġetti għal riskji negattivi, billi l-Programm ta' Konverġenza ma jipprovdix informazzjoni sħiħa dwar miżuri li fuqhom huwa bbażat l-ilħiq tal-miri stabilitti. Dawn il-miżuri huma previsti fil-baġits li jmiss. It-tnaqqis tad-deficit primarju fuq terminu medju, kif previst fil-Programm ta' Konverġenza, jgħin biex inaqqas ir-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

(10) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fil-Latvja, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa kumplessiva tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għal deċiżjonijiet nazzjonali futuri F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tenfasizza l-urġenza tal-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati għall-konformità mad-Deċiżjoni 2009/290/KE,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Latvja:

Timplimenta l-miżuri stipulati fid-Deċiżjoni 2009/290/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/592/KE, u speċifikati ulterjorament fil-Memorandum ta' Qbil tal-20 ta Jannar 2009 u s-supplimenti sussegwenti tiegħu partikolarment l-aħħar suppliment tas-7 ta' Ġunju 2011.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2011

## dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 ta' Malta u li tagħti Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm tal-Istabbiltà aġġornat ta' Malta 2011-2014

(2011/C 215/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ([2]), li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali.

(3) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni ta' politika integrata u *ex ante*, imsejsa fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Hu saħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' baġits tajbin u s-sostenibbiltà fiskali, fit-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(6) Fit-28 ta' April 2011, Malta ressqet il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tagħha u, fid-29 ta' April 2011, il-Programm ta' Stabbiltà 2011 tagħha li jkopri l-perjodu 2011-2014. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(7) Kif faqqgħet il-kriżi ekonomika, l-esportazzjonijiet u l-investiment naqsu b'mod drastiku, filwaqt li l-PDG reali ċkien b'3,4 % fl-2009. L-impjiegi naqsu bi ftit, appoġġati wkoll b'assistenza mill-gvern. Fl-2010 l-esportazzjonijiet u l-investiment tan-negozju rpiljaw u konsegwentement Malta fl-2010 esperjenzat irkupru importanti fl-attività ekonomika u tnaqqis żgħir fil-qgħad. Minħabba d-dejn pubbliku għoli (fl-2008 dan kien jammonta għal 61,5 % tal-PDG), il-gvern ma wettaqx stimolu fiskali sostanzjali u d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fl-2009 (3,7 % tal-PDG) baqa' taħt il-livell globali taż-żona tal-euro. Fl-2010, id-defiċit fiskali u l-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern baqgħu stabbli b'mod ġenerali.

(8) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza aġġornat skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-proġettazzjonijiet baġitarji huwa kemmxejn favorevoli, speċjalment lejn l-aħħar snin tal-perjodu tal-Programm ta' Stabbiltà. L-għan tal-Programm ta' Stabbiltà huwa li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jitnaqqas minn 3,6 % tal-PDG fl-2010, għal taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat sal-2011. Minn hemm 'il quddiem, il-progress gradwali lejn l-objettiv ta' terminu medju (OTM) ta' pożizzjoni bbilinċjata f'termini strutturali għandu jkun appoġġat bl-impenn tal-iżgurar ta' konsolidazzjoni sostenibbli, ibbażata l-aktar fuq in-nefqa. Madankollu, il-Programm ta' Stabbiltà ma jipprevedix il-ksib tal-OTM fi ħdan il-limitu taż-żmien previst tal-Programm ta'

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) Li nżammet għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

Stabbiltà. Il-proporzjon tad-dejn huwa pproġettat li jonqos mill-ogħla punt tiegħu tal-2010 ta' 68 % tal-PDG, għal 63,7 % fl-2014, minħabba bilanċ primarju pożittiv li qed jissaħħah. L-isforz ta' aġġustament medju annwali għall-perjodu 2012-14, kif ikkalkolat mill-Kummissjoni, huwa konformi b'mod ġenerali mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, l-eżiti baġitarji jistgħu jmorru agħar milli kif intenzjonati minħabba l-possibbiltà ta' eċċessi fin-nefqa u nuqqas ta' informazzjoni dwar il-miżuri li jiffurmaw il-bażi tal-isforz tal-konsolidazzjoni wara l-2011.

(9) Għal Malta hija sfida ewlenija li tfittex il-konsolidazzjoni fiskali bil-għan tal-ksib tal-OTM. Għalkemm il-baġit għall-2011 stabbilixxa miżuri li jikkoreġu d-defiċit eċċessiv fl-2011, se jkun hemm il-ħtieġa ta' azzjoni addizzjonali f'każ ta' nuqqasijiet. Il-kredibbiltà tal-istrateġija tal-konsolidazzjoni fuq terminu medju, li għadha mhix appoġġata minn miżuri konkreti, għandha tittejjeb permezz ta' qafas multiannwali aktar sod. Dgħufija prinċipali tinsab fin-natura mhux vinkolanti tal-miri multiannwali, li jimplika perspettiva ta' ppjanar fiskali relattivament qasira. Il-Programm ta' Stabbiltà jiddikjara li qed tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' regola dwar in-nefqa.

(10) Skont l-aħħar evalwazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riskji firrigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi jidher li huma għoljin, minħabba li l-impatt baġitarju tax-xjuħija fuq terminu twil, inklużi l-pensjonijiet huwa ogħla b'mod sinifikanti f'Malta milli l-medja tal-UE. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema aktar anzjani hija baxxa ħafna, minħabba l-età tal-irtirar li għadha relattivament baxxa, ir-rikors ta' spiss għal skemi tal-irtirar bikri u l-parteċipazzjoni baxxa ħafna ta' nisa mdaħħlin fl-età. Ir-riforma tal-2006 fil-pensjonijiet iżżid l-età tal-irtirar, għalkemm bil-mod ħafna, u tindirizza l-adegwatezza tal-pensjonijiet tal-futur, b'mod partikolari permezz ta' arranġamenti tal-indiċjar aktar ġenerużi u l-introduzzjoni ta' pensjoni minima nazzjonali garantita. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jirrapporta dwar il-konsultazzjoni għaddejja bħalissa fuq il-proposti għal riforma oħra fil-pensjonijiet li tressqu mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet, li jinkludu l-istabbiliment ta' rabta espliċita bejn l-età tal-irtirar u l-medja tal-għomor tal-ħajja u l-introduzzjoni ta' tieni pilastru tal-pensjonijiet obbligatorju u tielet pilastru volontarju. Madankollu, l-Programm Nazzjonali ta' Riforma ma jressaqx strateġija komprensiva tax-xjuħija attiva bħala akkumpanjament għat-tibdiliet għaddejjin bħalissa u dawk previsti. Xogħol mhux iddikjarat jirrappreżenta riskju għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Il-gvern jippreżenta xi miżuri biex din il-problema tiġi indirizzata fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma, iżda ma hemm l-ebda proposta għarreviżjoni tas-sistema tal-benefiċċju fuq it-taxxa li twassal sabiex ix-xogħol irendi. Sfida oħra għal Malta hija l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, minħabba li r-rata tal-impjieg tagħha tan-nisa hija l-aktar waħda baxxa fl-UE. Fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma l-gvern ressaq għadd sostanzjali ta' inizjattivi mmirati għall-ħaddiema nisa. L-implimentazzjoni u l-impatt tagħhom għandhom jiġu evalwati fl-2012.

(11) Fis-snin reċenti, Malta esperjenzat ristrutturar industrijali intensiv billi l-manifattura tradizzjonali li tirrikjedi ħafna ħaddiema ġiet sostitwita b'attivitajiet ġodda li għandhom valur miżjud għoli. Dan wassal għal diskrepanza bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol, li tindika l-bżonn li jingħataw il-ħiliet meħtieġa mis-setturi l-ġodda, b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni għolja, bil-għan li l-bażi ekonomika ta' Malta tkun diversifikata aktar.

(12) Malta għandha l-ogħla rata ta' tluq bikri mill-iskola fl-UE, li kienet 36,8 % fl-2009 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 14,4 %. Il-pajjiż irreġistra wkoll sehem baxx ta' nies tal-etajiet ta' bejn it-30-34 sena b'livell ta' edukazzjoni terzjarja jew l-ekwivalenti (21,1 % meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 32,3 % fl-2009). Malta timmira li tnaqqas il-perċentwal tat-tluq bikri mill-iskola għal 29 % u żżid is-sehem tal-edukazzjoni terzjarja jew l-ekwivalenti għall-persuni tal-etajiet bejn it-30-34 għal 33 % sal-2020. Fl-2011 hija introduċiet miżuri li jiggwidaw lil dawk it-tfal li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien lejn karrieri interessanti permezz tat-taħriġ edukazzjonali vokazzjonali jew ta' opportunitajiet ta' tagħlim li jagħtuhom it-tieni ċans.

(13) Malta hija waħda mill-ftit Stati Membri tal-UE b'mekkaniżmu ta' indiċjar tal-pagi ġeneralizzat. Żidiet fil-pagi huma marbuta mal-mekkaniżmu tal-aġġustament obbligatorju għall-għoli tal-ħajja (Cost of Living Adjustment – COLA) li jirriżulta f'żidiet fil-pagi f'konformità mal-iżviluppi fl-inflazzjoni tal-passat għalkemm huma proporzjonalment ogħla fuq in-naħa l-baxxa tal-ispettru tal-pagi. Flimkien mal-paga minima, dan l-aġġustament jista' jxekkel aktar il-kompetittività tas-setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema. Il-kwistjoni hija ta' importanza b'mod partikolari minħabba ż-żidiet ta' dan l-aħħar fil-prezzijiet tal-enerġija, li jistgħu jwasslu għal żidiet fil-prezz tal-pagi.

(14) Malta tiddependi kważi kompletament fuq l-importazzjoni taż-żejt għall-enerġija, u dan jagħmel l-ekonomija vulnerabbli għat-tibdiliet fil-prezż taż-żejt. Dan, flimkien mal-inadegwatezza tas-sistema tal-enerġija ta' Malta, jista' jkun li qed joħloq problemi għall-intraprenditorjat u għall-kompettitività tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju. L-isfruttar tal-potenzjal għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jista' jirriżulta fil-vantaġġ doppju li tittejjeb il-kompetittività filwaqt li jinkisbu l-miri tal-enerġija u tal-klima. L-informazzjoni mogħtija fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma dwar il-miżuri tal-enerġija, madankollu, hija limitata u tagħmilha diffiċli biex wieħed jivvaluta l-fattibbiltà u l-kosteffettività tagħhom.

(15) Malta ħadet għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus. L-impenji huma relatati ma' żewġ oqsma tal-Patt: il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Fuq in-naħa fiskali, l-impenji jinvolvu t-tisħiħ fir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-qafas baġitarju, flimkien mal-kunsiderazzjoni li

għandha tingħata għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi li jżidu d-dixxiplina fl-implimentazzjoni baġitarja. Biex tkun indirizzata l-produttività, jeżistu miżuri għat-titjib fl-ambjent tan-negozju u l-kundizzjonijiet tal-finanzjament għall-impriżi, kif ukoll għat-titjib tal-kompetizzjoni fis-servizzi, speċjalment fit-telekomunikazzjonijiet. Għalkemm jidhru fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma l-impenji taħt il-Patt Euro Plus ma jindirizzawx l-impjiegi u l-istabbiltà finanzjarja. Filwaqt li l-awtoritajiet jiffokaw fuq iż-żieda fil-produttività, ma jirrikonoxxux li l-mekkaniżmu attwali tal-indiċjar tal-pagi jaffettwa l-kompetittività ta' Malta. L-impenji tal-Patt Euro Plus kienu vvalutati u meqjusa fir-rakkomandazzjonijiet.

(16) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u l-impenji tal-Patt Euro Plus għal Malta. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika f'Malta imma wkoll lejn kemm jikkonformaw mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li, filwaqt li progress immirat għall-OTM huwa xieraq, jeżistu riskji importanti għall-istrateġija tal-konsolidazzjoni, għaliex mhijiex appoġġata minn miżuri konkreti u jista' jkun hemm eċċessi fin-nefqa bħalma ġara fil-passat. Barra minn hekk, in-natura mhux vinkolanti tal-qafas baġitajru ta' terminu medju tista' ma tippromwovix id-dixxiplina fiskali. Il-kost relattivament għoli tax-xjuħija fuq terminu fit-tul, partikolarment in-nefqa fuq il-pensjonijiet, tqiegħed fir-riskju s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi ta' Malta. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jirrikonoxxi l-isfidi strutturali prinċipali li l-ekonomija ta' Malta qed tiffaċċja, billi jagħti aktar attenzjoni lil ċerti kwistjonijiet, partikolarment l-utilizzazzjoni aħjar tal-potenzjal tax-xogħol tal-ekonomija, u jerġa' jeżamina u jieħu l-passi meħtieġa sabiex jirriforma l-mekkaniżmu għall-istabbiliment tal-pagi sabiex jiġi żgurat l-allinjament aħjar tal-iżviluppi tal-pagi u tal-produttività, kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-enerġija, jidhru li huma meħtieġa.

(17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, u b'kunsiderazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikulari fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) tiegħu. B'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fil-perjodu 2011-2012 sabiex:

1. Tiżgura korrezzjoni tad-deficit eċċessiv fl-2011, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Proċedura dwar id-Defiċit Eċċessiv, filwaqt li tkun pronta li tieħu miżuri addizzjonali sabiex tevita n-nuqqasijiet possibbli, u tadotta miżuri konkreti b'appoġġ għall-mira tad-deficit għall-2012. Iġġib il-proporzjon ta' dejn pubbliku għoli fi triq 'l isfel u tassigura progress adegwat lejn l-OTM. Bil-għan tat-tisħiħ tal-kredibbiltà tal-istrateġija tal-konsolidazzjoni, tiddefinixxi l-miżuri globali meħtieġa mill-2013 'il quddiem, tinkorpora l-miri fiskali f'qafas fiskali multiannwali u vinkolanti bbażat fuq ir-regoli u ttejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni baġitarja.

2. Tieħu azzjoni biex tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet billi taċċellera ż-żieda progressiva fl-età tal-irtirar u torbotha mal-medja tal-għomor tal-ħajja. Takkumpanja l-età tal-irtirar statutorja aktar għolja bi strateġija attiva komprensiva dwar ix-xjuħija attiva, tiskoraġġixxi l-użu ta' skemi ta' irtirar bikri u tħeġġeġ it-tfaddil fil-pensjonijiet privati;

3. Tiffoka aktar l-eżiti tal-edukazzjoni fuq il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, notevolment billi tagħmel sforz addizzjonali sabiex ittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni għolja u billi ssaħħaħ l-effettività tas-sistema ta' taħriġ vokazzjonali. Tieħu miżuri ulterjuri sabiex jonqos it-tluq bikri mill-iskola, billi, sal-2012 tidentifika, tanalizza u tkejjel il-kawżi tiegħu u billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rapportar regolari dwar ir-rata ta' suċċess tal-miżuri;

4. Terġa' teżamina u tieħu l-passi meħtieġa sabiex tirriforma, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali skont il-prassi nazzjonali, is-sistema ta' negozjar tal-pagi u l-indiċjar tal-pagi sabiex tiżgura li t-tkabbir fil-pagi jkun jirrifletti aħjar l-iżviluppi fil-produttività tax-xogħol u l-kompetittività.

5. Issaħħaħ l-isforzi biex tonqos id-dipendenza ta' Malta fuq iż-żejt importat, billi tippreżenta investimenti fl-enerġiji rinnovabbli u tagħmel użu sħiħ mill-fondi disponibbli tal-UE għall-aġġornar tal-infrastruttura u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. VINCENT-ROSTOWSKI

---

([1]) Kif previst fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni

(2011/C 215/05)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 u 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1],

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data [2] mibgħuta fil-5 ta' Jannar 2011 mill-Kummissjoni,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni ("il-proposta"). Hija tgħaqqad flimkien u tissostitwixxi żewġ proposti preċedenti tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju ("l-RF", Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [3]. Dawn iż-żewġ proposti kienu jirrigwardaw fuq naħa r-reviżjoni triennali tal-RF u fuq in-naħa l-oħra, ir-reviżjoni tal-RF sabiex dan jiġi allinjat mat-Trattat ta' Lisbona [4].

2. Fil-5 ta' Jannar 2011, il-proposta ntbagħtet lill-KEPD skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-KEPD ġie kkonsultat b'mod informali qabel l-adozzjoni tal-proposta. Il-KEPD irrakkomanda lil-leġiżlatur sabiex jinkludi referenza għall-konsultazzjoni mal-KEPD fil-bidu tar-regolament propost.

3. Il-proposta għandha ċerti implikazzjonijiet fuq il-protezzjoni tad-dejta fuq livell tal-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali li sejrin jiġu diskussi f'din l-Opinjoni.

4. Referenzi għall-istrumenti relevanti għall-protezzjoni tad-dejta jistgħu jinstabu f'din il-proposta. Madanakollu, kif se jiġi spjegat f'din l-Opinjoni, huma meħtieġa xi elaborazzjonijiet u kjarifikazzjonijiet ulterjuri sabiex tkun żgurata konformità kompleta mal-qafas legali dwar il-protezzjoni tad-data.

### II. ANALIŻI TAL-PROPOSTA

II.1. *Referenzi ġenerali għar-regoli relevanti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta*

5. Ir-regolament propost ikopri diversi materji li jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet tal-UE, aġenziji u korpi, kif ukoll minn entitajiet fuq livell ta' Stat Membru. Dawn l-attivitajiet ta' pproċessar sejrin jiġu analizzati f'aktar dettall hawn taħt. Meta l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji u l-korpi jipproċessaw dejta personali, huma jkunu

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[4] Ara rispettivament COM(2010) 260 finali u COM(2010) 71 finali.

marbutin mir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 45/2001. Entitajiet li jaġixxu fuq livell nazzjonali huma marbuta b'dispożizzjonijiet nazzjonali fl-Istat Membru relevanti li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE.

6. Il-KEPD huwa kuntent jara li r-referenzi għal wieħed minn dawn iż-żewġ strumenti jew għat-tnejn jistgħu jinstabu fir-regolament propost ([5]). Madanakollu, f'din il-proposta m'hemmx referenza sistematika u konsistenti għal dawn l-istrumenti. Għaldaqstant, il-KEPD iħeġġeġ lil-leġiżlatur sabiex jieħu approċċ aktar komprensiv dwar dan fir-Regolament.

7. Il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur biex jinkludi r-referenza li ġejja mad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 fil-premessa tar-Regolament:

"Dan ir-Regolament hu bla ħsara għar-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-moviment ħieles ta' dik id-data u tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' dik id-data.".

8. Barra minn hekk, il-KEPD jirrakkomanda l-inklużjoni ta' referenza għad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 fl-Artikolu 57(2)(f), kif sar fl-Artikolu 31(3) tal-proposta.

II.2. *Prevenzjoni, kxif u korrezzjoni ta' frodi u irregolaritajiet*

9. L-Artikolu 28 tal-proposta jittratta l-kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit. Fil-paragrafu 2(d) huwa previst li għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-baġit, kontroll intern huwa mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli biex jintlaħqu l-għanijiet ta' prevenzjoni, sejba u korrezzjoni ta' frodi u irregolaritajiet.

10. F'każ ta' implimentazzjoni indiretta tal-baġit mill-Kummissjoni b'ġestjoni kondiviża ma' Stati Membri jew ma' entitajiet u persuni li mhumiex l-Istati Membri, huwa ddikjarat fl-Artikoli 56(2) u 57(3) rispettivament li l-Istati Membri u l-entitajiet u persuni oħra għandhom jipprevjenu, jsibu u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi meta jesegwixxu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit. M'għandniex xi ngħidu li dawn il-miżuri għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE.

11. Għal dan il-għan ġie stabbilit fil-paragrafu 4(f) tal-Artikolu 56 (li għandu jiġi 4(*e*) skont l-ordni loġika tas-subparagrafi) li l-korpi akkreditati mill-Istati Membri li huma unikament responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll xieraq tal-fondi għandhom "jiżguraw protezzjoni tad-dejta personali li tkun tissodisfa l-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE". Il-KEPD jirrakkomanda t-tisħiħ ta' din ir-referenza billi tinbidel u ssir "jiżguraw li kwalunkwe proċessar ta' dejta personali tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE".

12. Dwar entitajiet u persuni li mhumiex Stati Membri, l-Artikolu 57(2)(f) jgħid li dawn l-entitajiet u persuni għandhom "jiżguraw protezzjoni raġonevoli ta' dejta personali". Il-KEPD jikkritika bil-qawwa din il-frażi għax tidher li tagħti lok għal applikazzjoni inqas stretta tar-regoli għall-protezzjoni tad-dejta. Għaldaqstant, il-KEPD jirrakkomanda l-bdil ta' din il-frażi wkoll mal-frażi "jiżguraw li kwalunkwe proċessar ta' dejta personali jikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE".

II.3. *Whistleblowers*

13. L-Artikolu 63(8) tal-proposta jittratta l-fenomenu tal-"whistle blowing". Jitfa' l-obbligu fuq il-membri tal-personal biex jinformaw lill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni (jew lill-bord speċjalizzat fuq l-irregolaritajiet finanzjarji stabbilit skont l-Artikolu 70(6) tal-proposta) f'każ li jikkunsidraw li deċiżjoni li huma jkunu mitlubin japplikaw mis-superjur tagħhom tkun irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda jew ir-regoli professjonali li għandhom josservaw. Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Unjoni, il-membri tal-persunal iridu jinformaw lill-awtoritajiet u lill-korpi maħtura mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

14. Il-KEPD jixtieq jinnota l-fatt li l-pożizzjoni tal-whistleblowers hija waħda sensittiva. Persuni li jirċievu din l-informazzjoni għandhom jiżguraw li l-identità tal-whistleblower tinżamm kunfidenzjali, b'mod partikolari quddiem il-persuna li allegatament wettqet l-irregolarità irrapportata ([6]). L-iżgurar tal-kunfidenzjalità tal-identità tal-whistleblower

([5]) Ara l-Artikolu 31(3) u l-Artikolu 56(4) tal-proposta. Hemm referenza ġenerali ulterjuri għar-"rekwiżiti għall-protezzjoni tad-data" fil-premessa 36, għall-"protezzjoni ta' data personali" fl-Artikolu 57(2)(f) u għar-"regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali" fl-Artikolu 102(1).

([6]) L-importanza li tinżamm b'mod kunfidenzjali l-identità tal-whistleblower diġà ġiet enfasizzata mill-KEPD f'ittra lill-Ombudsman Ewropew tat-30 ta' Lulju 2010 fil-każ 2010-0458, li tinstab fuq is-sit elettroniku tal-KEPD (http://www.edps.europa.eu). Anke l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 enfasizza dan fl-Opinjoni 1/2006 tal-1 ta' Frar 2006 dwar l-applikazzjoni ta' regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data għal skemi ta' whistle blowing intern fl-oqsma tal-kontabbiltà, kontrolli tal-kontabbiltà interna, materji tal-awditjar, ġlieda kontra t-tixħim, reati bankarji u finanzjarji, li jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29: http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/workinggroup/index_en.htm).

ma jipproteġix biss lill-persuna li tipprovdi l-informazzjoni, iżda tiżgura wkoll l-effiċjenza tal-iskema tal-whistleblowers. Mingħajr biżżejjed garanziji fir-rigward tal-kunfidenzjalità, il-membri tal-persunal ikunu inqas inklinati li jirrapportaw attivitajiet irregolari jew illegali.

15. Madanakollu, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-identità tal-whistleblower mhijiex assoluta. Wara l-ewwel investigazzjoni interna, jistgħu jittieħdu passi proċedurali jew ġudizzjarji ulterjuri li jirrekjedu li l-identità tal-whistleblower tkun żvelata lil, pereżempju, awtoritajiet ġuridiċi. B'hekk, regoli nazzjonali li jirregolaw il-proċeduri ġudizzjarji għandhom jiġu rispettati ([7]).

16. Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna akkużata b'irregolarità tkun intitolata li tirċievi l-isem tal-whistleblower. Dan hu possibbli jekk din il-persuna għandha bżonn l-identità biex tinstiga proċeduri legali kontra l-whistleblower wara li jkun ġie stabbilit li dan ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz dwarha b'ħażen ([8]).

17. Il-KEPD jirrakkomanda li tiġi emendata l-proposta preżenti u li jiġi żgurat li l-identità tal-whistleblowers tinżamm kunfidenzjali matul l-investigazzjonijiet sakemm dan ma jmurx kontra r-regoli nazzjonali li jirregolaw l-proċeduri ġudizzjarji u diment li l-persuna akkużata b'irregolarità ma tkunx intitolata għaliha għax l-identità tal-whistleblower tkun meħtieġa għall-istigazzjoni ta' proċeduri legali kontra l-whistleblower wara li jkun ġie stabbilit li l-whistleblower għamel dikjarazzjonijiet foloz dwarha b'ħażen.

II.4. *Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi li jkunu ġejjin mill-baġit*

18. Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 31 (Pubblikazzjoni tar-riċevituri tal-fondi tal-UE u informazzjoni oħra) il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi li ġejjin mill-baġit miżmum minnha meta l-baġit ikun implimentat mill-Kummissjoni jew direttament jew b'delegazzjoni.

19. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 31 jgħid li din l-informazzjoni "għandha ssir disponibbli b'osservanza tal-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità, partikolarment il-protezzjoni tad-data personali kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tal-ħtiġiet tas-sigurtà, filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet ta' kull mod ta' ġestjoni […] u fejn applikabbli f'konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-settur".

20. Il-pubblikazzjoni tal-identità tar-riċevituri tal-fondi tal-UE ġiet ittrattata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ("l-ECJ") fis-sentenza tagħha f'Novembru 2010 fil-kawża *Schecke u Eifert* ([9]). Mingħajr ma nidħlu f'dettalji ta' dak il-każ, għandu jiġi enfasizzat li l-ECJ analizzat bir-reqqa jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE, li kien fiha l-obbligu li tiżvela l-informazzjoni, kinitx konformi mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ("Il-Karta tal-UE").

21. L-ECJ eżaminat l-għan li għalih l-informazzjoni kienet żvelata u sussegwentament il-proporzjonalità tal-miżura. L-ECJ ikkunsidrat li l-istituzzjonijiet huma obbligati li jiżnu, qabel l-iżvelar ta' informazzjoni dwar persuna fiżika, l-interess tal-Unjoni Ewropea fl-iżvelar u fil-ksur tad-drittijiet rikonoxxuti mill-Karta tal-UE ([10]). L-ECJ issottolinjat li d-derogi għall-protezzjoni tad-dejta ta' natura personali u l-limitazzjonijiet tagħha għandhom jiġu applikati biss sa fejn dan ikun assolutament meħtieġ ([11]).

22. L-ECJ ikkunsidrat li l-istituzzjonijiet għandhom jippruvaw metodi differenti ta' pubblikazzjoni sabiex isibu wieħed li jkun konsistenti mal-għan tal-pubblikazzjoni filwaqt li jikkawża l-inqas interferenza mad-dritt tal-benefiċjarji għal ħajja privata b'mod ġenerali u għall-protezzjoni tad-dejta personali b'mod partikolari ([12]). Fil-kuntest speċifiku tal-każ, l-ECJ irreferiet għal-limitazzjoni tal-pubblikazzjoni tad-dejta bl-isem fir-rigward tal-benefiċjarji skont il-perjodi li fihom irċevew l-għajnuna, jew il-frekwenza jew in-natura u l-ammont ta' għajnuna rċevuta ([13]).

23. Il-KEPD jenfasizza mill-ġdid li r-rwol tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta mhuwiex dak li jkun ipprojbit l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni meta tkun involuta dejta personali jew biex mingħajr ġustifikazzjoni tkun limitata t-trasparenza tal-amministrazzjoni tal-UE. Il-KEPD isostni l-opinjoni li l-prinċipju tat-trasparenza "jgħin liċ-ċittadini jieħdu sehem b'mod aktar mill-qrib fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u tiggarantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u responsabbli fir-rigward taċ-ċittadin f'sistema demokratika"; il-pubblikazzjoni fuq l-internet ta' dejta bl-isem relatat mal-benefiċjarji tal-fondi, magħmula b'mod xieraq, "tikkontribwixxi għall-użu adattat tal-fondi pubbliċi mill-amministrazzjoni" u "ssaħħaħ il-kontroll pubbliku dwar l-użu tal-ammonti kkonċernati" ([14]).

([7]) Ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-Verifika minn Qabel tat-23 ta' Ġunju 2006, dwar l-investigazzjonijiet interni tal-OLAF (Każ 2005-0418), u tal-4 ta' Ottubru 2007 dwar l-investigazzjonijiet esterni tal-OLAF (Kawżi 2007-47, 2007-48, 2007-49, 2007-50, 2007-72) li jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-KEPD (http://www.edps.europa.eu).

([8]) F'dan ir-rigward ara wkoll l-Opinjoni 1/2006 imsemmija hawn fuq tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29.

([9]) ECJ 9 ta' Novembru 2010, *Schecke u Eifert*, Kawżi konġunti C-92/09 u C-93/09.

([10]) ECJ, *Schecke*, para. 85.

([11]) ECJ, *Schecke*, para. 86.

([12]) ECJ, *Schecke*, para. 81.

([13]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 12.

([14]) ECJ, *Schecke*, para. 68, 69, 75 u 76.

24. Abbażi ta' dan, il-KEPD jixtieq jenfasizza li l-kunsiderazzjonijiet mill-ECJ kif imsemmi fil-paragrafi preċedenti huma direttament relevanti għal din il-proposta. Minkejja li qiegħda ssir referenza għad-Direttiva 95/46/KE u għar-Regolament (KE) Nru 45/2001, mhuwiex żgurat li l-pubblikazzjoni prevista tissodisfa r-rekwiżiti kif spjegat mill-ECJ fi *Schecke*. F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li l-ECJ mhux biss annullat ir-Regolament tal-Kummissjoni li kien fih ir-regoli dettaljati dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi għall-agrikoltura ([15]), iżda wkoll id-dispożizzjoni fir-Regolament li tikkostitwixxi l-bażi legali għar-Regolament tal-Kummissjoni u li kien fiha r-rekwiżit ġenerali biex tkun żvelata l-informazzjoni, sa fejn din tikkonċerna benefiċjarji li huma persuni fiżiċi ([16]).

25. Il-KEPD għandu dubji kbar dwar jekk il-proposta preżenti tissodisfax il-kriterji kif spjegat mill-ECJ fix-*Schecke*. La l-Artikolu 31, u lanqas l-Artikoli relevanti ma fihom għan ċar u spjegat sew li għalih il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni personali hija prevista. Barra minn hekk, mhuwiex ċar meta u b'liema format l-informazzjoni sejra tiġi żvelata. Għaldaqstant, mhuwiex possibbli li jkun stmat jekk instabx il-bilanċ xieraq bejn l-interessi varji involuti u biex ikun iċċekkjat, kif espliċitament enfasizzat mill-ECJ fix-*Schecke*, jekk il-pubblikazzjoni tkunx proporzjonata. Barra minn hekk, mhuwiex ċar kif id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta involuti se jkunu żgurati.

26. Anki jekk hi prevista l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni – li mhijiex iddikjarata b'mod ċar - il-kjarifikazzjonijiet bażiċi msemmija għandhom jinżammu fil-bażi legali li suppost hi l-RF għall-iżvelar ta' tali dejta.

27. Għaldaqstant, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur biex jikkjarifika l-għan u jispjega n-neċessità tal-iżvelar previst, sabiex jindika kif u sa liema punt id-dejta personali tiġi żvelata, sabiex ikun żgurat li d-dejta tkun żvelata biss jekk din tkun proporzjonali u li jkun żgurat li s-suġġetti tad-dejta jkunu jistgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jinsabu fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta.

II.5. *Il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet jew taqsira ta' deċiżjonijiet dwar penali amministrattivi jew finanzjarji*

28. L-Artikolu 103 tal-proposta jittratta l-possibbiltà għall-awtorità kontraenti li timponi penali amministrattivi jew finanzjarji fuq (a) kuntratturi, kandidati jew offerenti f'każ li huma jkunu ħatja ta' misinterpretazzjoni fl-għoti tal-informazzjoni mitluba mill-awtorità kontraenti bħala kundizzjoni ta' parteċipazzjoni fil-proċedura ta' akkwist jew nuqqas fl-għoti ta' din l-informazzjoni (ara l-Artikolu 101(b)) jew (b) kuntratturi li ġew iddikjarati li qed jiksru b'mod serju l-obbligi tagħhom fil-kuntratt kopert mill-baġit.

29. Fl-Artikolu 103(1) hemm miktub li l-persuna kkonċernata trid tkun mogħtija l-opportunità biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha. Skont l-Artikolu 103(2) il-penali jistgħu jikkonsistu fl-esklużjoni tal-persuna involuta minn kuntratti u għotjiet iffinanzjati mill-baġit, għal perjodu massimu ta' għaxar snin, u/jew penali finanzjarja sal-valur tal-kuntratt ikkonċernat.

30. Bi tqabbil mas-sitwazzjoni preżenti, element ġdid fil-proposta huwa l-possibbiltà għall-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 103(3) li tippubblika d-deċiżjonijiet jew taqsira ta' deċiżjonijiet li jindikaw l-isem tal-operatur ekonomiku, deskrizzjoni qasira tal-fatti, it-tul tal-esklużjoni jew l-ammont tal-penali finanzjarji.

31. Sakemm dan iwassal għall-iżvelar ta' informazzjoni dwar persuni fiżiċi, din id-dispożizzjoni tqajjem ftit mistoqsijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-ewwel nett, huwa ċar mill-użu tal-kelma "jista'" li l-pubblikazzjoni mhijiex obbligatorja. Iżda dan jikxef numru ta' problemi fejn it-test tal-proposta ma jipprovdix ċarezza. Pereżempju, x'inhu l-għan ta' żvelar ta' dan it-tip? X'inhuma l-kriterji li fuqhom tiddeċiedi l-istituzzjoni kkonċernata fuq l-iżvelar? Din l-informazzjoni kemm se ddum aċċessibbli pubblikament u b'liema mezz? Min se jivverifika jekk l-informazzjoni għadhiex korretta u min sejjer iżommha aġġornata? Min sejjer jinforma lill-persuna kkonċernata dwar l-iżvelar? Dawn huma kollha mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mar-rekwiżiti tal-kwalità tad-dejta kif jinsabu fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

32. Għandu jkun enfasizzat li l-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni għandha impatt negattiv miżjud fuq il-persuna kkonċernata. Il-pubblikazzjoni għandha titħalla biss jekk dan ikun strettament neċessarju għall-għan previst. Il-kummenti li saru hawn fuq fil-Parti II.4 fil-kuntest tas-sentenza tal-ECJ fi *Schecke* huma relevanti hawnhekk ukoll.

33. Fil-forma preżenti tiegħu, it-test propost fl-Artikolu 103(3) ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti tal-liġi għall-protezzjoni tad-dejta. Għaldaqstant, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur biex jiċċara l-għan u jispjega l-bżonn tal-iżvelar previst, sabiex jindika kif u sa liema punt id-dejta personali sejra tiġi żvelata, sabiex ikun żgurat li d-dejta tkun żvelata biss jekk dan ikun proporzjonali u li jkun żgurat li s-suġġetti tad-dejta jistgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jinsabu fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta.

([15]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008, ĠU L 76, 19.3.2008, p. 28.

([16]) Artikolu 44a tar-Regolament (KE) Nru 1290/205, ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1, kif emendat.

II.6. *Il-Bażi ta' Dejta Ċentrali tal-Esklużjoni*

34. Il-proposta twassal ukoll għall-istabbiliment tal-Bażi Ċentrali ta' Dejta tal-Esklużjoni ("is-CED") li se jkun fiha d-dettalji tal-kandidati u l-offerenti esklużi mill-parteċipazzjoni fl-offerti (ara l-Artikolu 102). Din il-bażi ta' dejta diġà hija fis-seħħ fuq il-bażi tal-RF preżenti, u l-mod kif taħdem huwa elaborat ulterjorment fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1302/2008. L-operazzjonijiet ta' proċessar tad-dejta personali li jsiru fil-qafas tas-CED ġew analizzati mill-KEPD f'Opinjoni ta' verifika minn qabel tas-26 ta' Mejju 2010 ([17]).

35. Ir-riċevituri tad-dejta pprovduta fis-CED huma diversi. Jiddependi fuq min qed jagħmel aċċess għall-bażi ta' dejta, japplika l-Artikolu 7, 8 jew 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

36. Il-KEPD ikkonkluda fl-Opinjoni msemmija hawn fuq dwar verifika minn qabel li l-prattika attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 7 (konsultazzjoni tal-bażi ta' dejta minn istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE) u 8 (konsultazzjoni tas-CED minn awtoritajiet u korpi oħra tal-Istati Membri) kienet konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

37. Madanakollu, din il-konklużjoni ma setgħetx tittieħed fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta lil awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, li huwa regolat mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, li jittratta t-trasferiment ta' dejta lil awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u/jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Fl-Artikolu 102(2) hemm miktub li anke pajjiżi terzi għandu jkollhom aċċess għas-CED.

38. L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 jistipula li "data personali għandha tiġi trasferita biss lir-riċevituri, barra minn istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità, li ma jkunux suġġetti għal-liġi nazzjonali adottata skond id-Direttiva 95/46/KE, jekk livell adegwat ta' protezzjoni jiġi żgurat fil-pajjiż tar-reċipjent jew fi ħdan l-organizzazzjoni internazzjonali tar-reċipjent u d-data tiġi trasferita unikament biex jippermetti li l-kompiti koperti bil-kompetenza tal-kontrollur jitwettqu." B'deroga mill-Artikolu 9(1), l-Artikolu 9(6) jippermetti t-trasferiment ta' data lil pajjiżi li ma jipprovdux għal protezzjoni adegwata jekk "it-trasferiment huwa neċessarju jew legalment meħtieġ fuq bażi importanti ta' interess pubbliku (…)".

39. Fl-imsemmija Opinjoni dwar verifika minn qabel, il-KEPD enfasizza li kienu neċessarji passi ulterjuri sabiex jiġi żgurat li f'każ ta' trasferiment lil pajjiż terz jew organizzazzjoni, ir-riċevitur joffri livell adegwat ta' protezzjoni. Il-KEPD jixtieq jenfasizza li tali sejba ta' livell xieraq għandha tkun ibbażata fuq analiżi skont il-każ, u għandha tinkludi analiżi dettaljata taċ-ċirkustanzi tal-operazzjoni ta' trasferiment ta' dejta jew sett ta' operazzjonijiet ta' trasferiment ta' dejta. L-RF ma jistax jeżenta lill-Kummissjoni minn dan l-obbligu. B'mod simili, trasferiment li jkun ibbażat fuq waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 9 għandu jkun ibbażat ukoll fuq valutazzjoni skont il-każ.

40. Fir-rigward ta' dan, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur sabiex iżid paragrafu mal-Artikolu 102 li jittratta speċifikament il-protezzjoni tad-dejta personali. Il-paragrafu jista' jibda bl-ewwel sentenza li diġà tinsab fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 102, prinċipalment li "bażi tad-dejta ċentrali għandha tiġi stabbilita u tkun operata mill-Kummissjoni bażi tad-dejta ċentrali f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali". Barra minn hekk għandu jiżdied ukoll li l-aċċess għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jista' jingħata meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ikunu ġew issodisfati.

## III. KONKLUŻJONI

41. Il-proposta attwali għandha ċerti implikazzjonijiet fuq il-protezzjoni tad-dejta fuq livell tal-UE kif ukoll fuq livell nazzjonali li ġew diskussi f'din l-Opinjoni. Referenzi għall-istrumenti relevanti ta' protezzjoni tad-dejta jistgħu jinstabu fil-proposta. Madankollu, kif ġie spjegat f'din l-Opinjoni, elaborazzjoni u kjarifika ulterjuri huma neċessarji sabiex tkun żgurata konformità sħiħa mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-dejta. Il-KEPD jirrakkomanda li:

— tkun inkluża referenza fil-preambolu tar-Regolament għad-Direttiva 95/46/KE u għar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

— tkun inkluża referenza għad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 fl-Artikolu 57(2)(f), kif sar fl-Artikolu 31(3) tal-proposta;

— tissaħħaħ ir-referenza għad-Direttiva 95/46/KE fl-Artikolu 56(4)(f) (li għandu jsir 4*(e)* skont l-ordni loġika tas-subparagrafi) billi ssir "jiżguraw li kwalunkwe proċessar ta' dejta personali jikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE";

— tkun mibdula l-frażi fl-Artikolu 57(2)(f) "jiżguraw protezzjoni raġonevoli ta' dejta personali" u ssir "jiżguraw li kwalunkwe proċessar ta' dejta personali jikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE";

([17]) Ara l-Opinjoni tal-KEPD dwar il-verifika minn qabel tas-26 ta' Mejju 2010 dwar l-operazzjoni ta' proċessar fuq id-dejta personali li tikkonċerna "Ir-Reġistrazzjoni ta' Suġġett tad-Data fil-Bażi Ċentrali tad-Data tal-Esklużjoni" (Kawża 2009-0681), li jinsab fis-sit elettroniku tal-KEPD (http://www.edps.europa.eu).

— jkun żgurat fl-Artikolu 63(8) li l-identità tal-whistleblowers tibqa' kunfidenzjali matul l-investigazzjonijiet sakemm dan ma jmurx kontra r-regoli nazzjonali li jirregolaw proċeduri ġudizzjarji u sakemm il-persuna akkużata b'irregolarità ma tkunx intitolata għaliha għaliex l-identità tal-whistleblower hi meħtieġa għall-istigazzjoni ta' proċeduri legali kontra l-whistleblower wara li jkun ġie stabbilit li l-whistleblower għamel dikjarazzjonijiet foloz b'ħażen dwar il-persuna akkużata;

— jkun iċċarat fl-Artikolu 31 l-għan u tiġi spjegata n-neċessità tal-iżvelar previst tal-informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-fondi li jittieħdu mill-baġit, sabiex jiġi indikat kif u sa liema punt id-dejta personali sejra tiġi żvelata, sabiex jiġi żgurat li d-dejta tkun żvelata biss jekk dan ikun proporzjonat u li jkun żgurat li s-suġġetti tad-dejta jkunu jistgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jinsabu fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni ta' dejta;

